**26 ta' Ġunju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B. Litt., LL.D.**

**Stella Briffa et.**

***versus***

**Caterina Scicluna et.**

## Likwidazzjoni ta' Wirt — Diviżjoni — Legat.

*Għandha ssir distinzjoni bejn il-pussess ta' legat u l-proprjetà tal-istess legat; għax il-pussess jgħaddi "per modum continuationis" fl-eredi, u jkun l-identiku pussess li kellu d-decujus fil-ġurnata tal-mewt tiegħu, u għalhekk il-legatarju hu obligat jitlob il-pussess lill-eredi, mentri l-proprjetà, jew id-"dritt" għall-ħaġa legata, issir tal-legatarju mill-ġurnata tal-apertura tas-suċċessjoni bis-saħħa unikament tad-dispożizzjoni testamentarja, mingħajr in-neċessità ta' ebda att da parti tal-legatarju, u saħansitra ad insaputa tiegħu, u kwindi indipendentement mill-immissjoni tiegħu fil-pussess tal-legat.*

*Għaldaqstant, f'każ ta' likwidazzjoni u diviżjoni tal-assi ereditarju, l-eredi ma jistgħux jippretendu li s-sustanzi mħollija b'legat għandhom jidħlu fl-assi in diviżjoni u jiġu assenjati lill-eredi, salv li l-legatarju, jekk jagħmel it-talba meħtieġa, jiġi immess mill-stess eredi fl-pussess ta' dawk is-sustanzi formanti l-oġġett tal-legat; għax din l-assenjazzjoni tolqot il-proprjetà, u mhux il-pussess tal-legat; salva kull azzjoni talvolta kompetenti lill-eredi biex iġiegħlu l-legatarju jiddikjara jekk jaċċettax jew le l-legat lilu mħolli.*

*Liema assenjazzjoni lill-eredi wisq anqas tista' ssir jekk il-legatarju jkun parti fil-kawża u jikkontesta din l-assenjazzjoni.*

Il-Qorti:— Rat id-deċiżjoni tagħha tal-21 ta' Mejju 1953, li fiha jinsabu miġjuba d-domandi tal-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u li biha ġiet respinta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni deċennali, bl-ispejjeż kontra l-eredi ta' Grazia Scicluna, u ġie dikjarat li Fortunato Sammut ma ddekadiex mill-legati lilu mħollija; liema sentenza ġiet

konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Jannar 1954, bl-ispejjeż kontra l-imsemmija eredi ta' Grazia Scicluna;

*Omissis;*

Rat il-verbal tas-seduta miżmuma mill-perit fis-6 ta' Ġunju 1957 (fol. 139), fejn l-atturi ssottomettew illi anki l-istabili u s-sustanzi l-oħra mħollija b'legat lil Fortunato Sammut għandhom jidħlu fil-likwidazzjoni tal-assi partikulari ta' Lucrezia Scicluna u jiġu assenjati fid-diviżjoni tal-eredi tagħha, salvo illi eventwalment l-imsemmi legatarju, jekk jeżisti, u jekk jagħmel it-talba meħtieġa, jiġi immess mill-istess eredi fil-pussess ta' dawk il-legati;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar il-pretensjoni tal-atturi, illi s-sustanzi mħollija b'legat lill-imsiefer Fortunato Sammut għandhom jidħlu fil-likwidazzjoni tal-assi ta' Lucrezia Scicluna u jiġu assenjati lill-eredi tagħha;

Illi l-atturi jibbażaw din il-pretensjoni fuq il-prinċipju li l-eredi għandhom il-pussess leġittimu tal-beni ereditarji kollha, kompriżi dawk imħollija lill-legatarji, u dan sakemm il-legatarji ma jaċċettawx il-legat u ma jiġux mill-eredi immessi fil-pussess tal-beni relattivi; u konsegwentement, skond l-atturi, is-sustanzi legati minn Lucrezia Scicluna lil Fortunato Sammut għandhom jibqgħu f'idejn l-eredi tagħha sakemm ma jiġux reklamati b'suċċess mill-legatarju;

Illi dwar din il-kwistjoni jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn il-pussess u l-proprjetà tal-legat. Il-pussess jgħaddi "per modus continuationis" fl-eredi, u jkun l-identiku pussess li kellu d-decujus fil-ġurnata tal-mewt tiegħu, u għalhekk il-legatarju hu obligat jitlob il-pussess lill-eredi; iżda għal dak li jirrigwarda l-proprjetà, jew id-"dritt" għall-ħaġa legata, din issir tal-legatarju mill-ġurnata tal-apertura tas-suċċessjoni, bis-saħħa unikament tad-dispożizzjoni testamentarja, mingħajr in-neċessità ta' ebda att minn naħa tal-legatarju, u saħansitra ad insaputa tiegħu, u

kwindi indipendentement mill-immissjoni tiegħu fil-pussess tal-legat (v. Pacifici Mazzoni, Successioni, Vol V::, §§40 u 62). Tant, li l-kredituri tal-legatarji jkunu jistgħu jesperixxu fuq il-legat id-drittijiet tagħhom bħal fuq is-sustanzi l-oħra kollha tal-legatarju debitur, u dan avvolja huwa ma jkunx ġie immess fil-pussess tal-legat (Kollez. XXVIII-I-537);

Issa, l-assenjazzjoni lill-eredi pretiża mill-atturi tolqot il-proprjetà, u mhux il-pussess tal-legat, u kwindi mhix legalment ammissibbli, salva kull azzjoni talvolta lilhom kompetenti biex iġiegħlu lill-legatarju jiddikjara jaċċettax jew le il-legati lilu mħollija skond l-art. 909 tal-Kodiċi Ċivili, applikat mid-dottrina preponderanti anki għall-legatarju (v. Ricci, Diritto Civile, Vol. III, §388; Vitali, Successioni, Vol. II, §1729; u Digesto Italiano, Successioni Testamentarie, §788). Il-pretiża assenjazzjoni wisq anqas tista' ssir billi l-legatarju Fortunato Sammut jinsab parti fil-kawża u qiegħed jikkontesta enfatikament din l-assenjazzjoni;

Għal dawn il-motivi;

Tiddikjara u tiddeċidi illi "rebus sic stantibus" is-sustanzi mħollija b'legat lil Fortunato Sammut ma għandhomx jidħlu fil-likwidazzjoni tal-assi partikulari ta' Lucrezia Scicluna għall-fini tal-assenjazzjoni ta' dawk is-sustanzi lill-eredi tagħha; bl-ispejjeż kontra l-atturi;

U tħalli l-kawża għall-udjenza tas-26 ta' Ottubru 1959, biex titkompla skond il-liġi.